MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA**

Seduta tat-22 ta' Awwissu, 2007

Numru 1144/2005

**Il-Pulizija**
**Spettur Mario Tonna**
**v**

**CHARLES JOSEPH DEGUARA**

**Il-Qorti;**

Rat li l-imputat **CHARLES JOSEPH DEGUARA** ta' tnejn w ghoxrin sena bin Joseph u Carmen nee Bezzina, imwieled Florida, l-Amerika nhar t-tnejn w ghoxrin ta' Dicembru 1983 u residenti 'Villa Oleander', Triq Geronimo Abos, Iklin, detentur tal-karta tal-identita numru 459498M gie mressaq quddiemha akkuzat:

1. talli fil-hamsa w ghoxrin ta' Dicembru 2005 ghal habta tas-siegha w nofs ta' filghodu, waqt li kien fl-istabbiliment maghruf bhala 'Grigio', li jinsab fi Triq Spinola, San Giljan, minghajr l-hsieb li joqtol jew li

jqieghed il-hajja ta’ haddiehor f’perikolu car, ikkaguna feriti ta’ natura gravi fuq il-persuna ta’ Lee Ross minn Naxxar, skond kif iccertifika Doctor S. Grech MD fl-isptar San Luqa;

2. talli fl-istess dati, lok, hin u cirkostanzi, hebb ghal istess Lee Ross sabiex jingurjah, idejjqu jew jghamillu hsara.

Il-Qorti giet miltuba sabiex f’kaz ta’ htija, tipprovdi ghas-sigurta ta’ Lee Ross kif jidhrilha xieraq skond l-artikolu 383 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat l-atti kollha tal-kawza w id-dokumenti kollha esibiti fosthom l-kunsens tal-Avukat Generali datat tletin ta’ Dicembru 2005 esibit a fol 3 tal-atti, sabiex fin-nuqqas t’oggezzjoni da parti tal-imputat din il-kawza tigi trattata u deciza minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha fuq riferuta.

Semghet lil imputat jiddikjara fis-seduta tat-tletin ta’ Dicembru 2005 [fol 4] li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat u deciz minn din il-Qorti.

Semghet lix-xhieda kollha prodotta mill-prosekuzzjoni u lil imputat jixhed minn jeddu b’mod voluntarju.

Semghet lil partijiet jittrattaw il-kawza fis-seduta tas-sbatax ta’ Lulju 2007.

Ikkunsidrat:

Illi nhar t-tletin ta’ Dicembru 2005 **xehed Lee Ross** [fol 26] fejn qal li hu kien f’*party* lejliet il-Milied w ghal habta ta’ nofs il-lejl jew s-siegha ta’ filghodu, ra xi hbieb tieghu jargumentaw. Qal li kien induna li kienu hbiebu wara ghaliex meta rahom ma kienx induna li kienu hbiebu. Fid-daqqa w il-hin, xi hadd gidimlu widnejh l-leminija u shabtu qalulu li kien l-imputat odjern pero hu ma kienx jafu.

Ix-xhud spjega li ma kienx jaf kif iggenera l-incident. Qal li hu ra grupp ta’ zaghzagh, li haseb li kienu qed jargumentaw, hafna nies migburin hdejn xulxin, w

ghalhekk mar hemm. Qal li lanqas kien jaf li kienu hbiebu li kienu qed jargumentaw mal-imputat u kif wasal hdejh, gara li gara, ghal xejn b'xejn. Mistoqsi jekk jafx jekk l-imputat kienx gralu xi haga dak l-hin, x-xhud wiegeb li lanqas biss ra lil imputat dak l-hin u lanqas kien jaf li kien involut l-imputat fl-argument. Qal li qalulu li kienu hu wara, u li l-imputat kien involut fi glieda jew argument.

Il-vittma spjega li lejliet il-Milied hu kien fil-bar 'Grigio's, fejn kien hemm *open bar* u hu kien qed jixrob Vodka bl-*orange juice* hemm. Qal li hemm ha xi hamsa jew sitta drinks. Qal li waqt li kien hemm ra lil hbiebu, Anthony, Peter u Matthew ahwa Schultz. Qal li l-post ma kienx ippakkjat ghal bidu pero fil-hin tal-incident kien mhux hazin u ftit kien hemm spazju fejn iddur, specjalment fejn sehh l-incident. Qal li meta nduna li kien hemm argument, hu kien hdejn l-bar jitkellem ma habib tieghu Jean Paul. Qal li ma kienx jaf li kien hemm hbiebu u mar hemm biex jara x'kien gara. Qal li hu ra kommozzjoni pero ma ra lil hadd jimbotta jew jaqbad lil xi hadd minn ghonqu. Qal li hu ra circa tnax jew hmistax il-ruh b'kollox hemmhekk. Mistosqi x'tip ta' dawl kien hemm fil-Grigio's, x-xhud qal li dawl baxx kien hemm u musika ghaddejja, kif issib f'postijiet bhal dawn. Qal li ghajjat, hu ma semghax.

Qal li meta avvicina dan l-grupp ta' nies, ra lil habib tieghu Anthony Schultz, ta' xi tnejn w ghoxrin jew tlieta w ghoxrin sena bil-qieghda u kif wasal fid-daqqa w il-hin hass bhal tingiza f'widnejh x-xellugija. Mistqosi jekk jilbisx imsielet f'widnejh, x-xhud wiegeb li jilbes misluta f'kull widna u dakinhar tal-incident kien liebes dawn l-imsielet. Qal li hu ma rax lil min gidimlu widnejh u kull ma hass kienet bhal tingiza f'widnejh u wara kien mar xi hadd fuqu, aktarx Alan u qallu biex icempel ghal ambulanza. Qal li dak l-hin ghamel idu ma widnejh u hass l-ugigh u ra d-demm filwaqt li l-misluta li kellu f'widnejh ma kienetx ghadha hemmhekk. Fil-fatt, zied jghid x-xhud sarulu xi punti f'widnejh.

Ix-xhud spjega kif habib tieghu Alan, darba minnhom kien cempillu fuq il-mobile u qallu li kien d-dar tal-imputat u li dan tal-ahhar xtaq ikellmu. Qal li hu qatt ma kien tkellem

mal-imputat qabel dan l-incident ghax lanqas biss kien jafu. Mistoqsi jghid meta hu tkellem mal-imputat fuq il-mobile, dan qallu li ma kienx jiftakar li kien ghamillu xi haga u li jekk kien ghamillu xi haga,. kien jiddispjacih ghal dak li setgha ghamillu, x-xhud wiegeb li l-imputat kien qallu li jiddispjacih ghal dak li setgha ghamillu, ghalkemm ma ftakarx ezatt x'ghamillu.
Ix-xhud qal li hu qal lil imputat li lanqas minn wiccu ma kien jafu u li lanqas shabu ma kienu jafu minn hu. Zied jghid li Alan kien qallu li xi hbieb tal-imputat kienu qalulu x'kien ghamel. Qal li l-imputat qallu li xi hbieb tieghu kienu qalulu b'dak li kien ghamel, pero ma ftakarx. Ix-xhud qal li lanqas hu ma kien jaf min kien gidimlu widnejh u beda jistaqsi min setgha kien w in-nies bdew jghidulu li kien l-imputat. Qal li meta wasal fuq il-post hu, sab lil habibu Anthony, li kien involut fl-argument, bil-qieghda. Qal li hu ma kienx jaf fuq x'hiex kien qed jargumenta Anthony qabel ma wasal hdejh hu.

Illi nhar l-ghoxrin ta' Frar 2006 **xehed Doctor Stefan Grech** [fol 54] fejn qal li hu ezamina lil Lee Ross nhar il-hamsa w ghoxrin ta' Dicembru 2005 fid-Dipartiment tal-Emergenza ta' l-isptar San Luqa Malta fejn irriskontra li Lee Ross kien qed ibati minn parti mill-widna tan-naha ta' isfel, tal-lemin nieqsa. Ix-xhud ikklassifika dawn il-griehi bhala dawk ta' natura gravi u meta gie muri l-*patient certification form* esebita f'dawn l-atti a fol 11, ikkonferma l-kontenut ta' dan id-dokument kif ukoll il-firma tieghu fuq il-parti ta' isfel tieghu.

Illi nhar l-ghoxrin ta' Frar 2006 **xehed PS 69 Jesmond Cremona** [fol 56] fejn qal li fil-hamsa w ghoxrin ta' Dicembru 2005 ghall-habta tas-siegha w nofs ta' filghodu kienu gew infurmati li gewwa l-istabbiliment maghruf bl-isem "Grigio" kien hemm xi incident w ghalhekk marru fuq il-post. Hemm sabu lill-vittma li kien diga qieghed barra li kien qed jigi assistit minn persuna ohra u kien qed jghid li kellu ugiegh f'widintu l-leminija u kellu dmija wkoll. Ix-xhud kompla jghid li ghalhekk akkumpanjawh lejn l-isptar fejn hallewh hemm ghat-*treatment*. Iktar tard, zied jghid x-xhud, l-imputat mar flimkien ma missieru fejn pprezenta certifikat ta' Doctor Stefan Grech, liema certifikat kien

jghid li hu qed isofri minn feriti ta' natura gravi. Ix-xhud esibixxa kopja ta' l-okkorrenza li giet immarkata bhala Dok. PS.

Ix-xhud spjega li hu kellem lil wiehed mix-xhieda, certu Anthony Shultz, li qallu li waqt li nqala l-incident dak il-hin kien hemm xi glieda, hares u ra lil siehbu qed jibbleadja minn widnejh u wara gie nfurmat li kien hemm persuna bl-isem ta' CJ li seta ra l-incident isir.

Illi nhar s-sitta w ghoxrin ta' April 2006 **xehdet WPC 221 Francesca Gruppetta** [fol 64] fejn qalet li fid-disgha w ghoxrin ta' Dicembru 2005 ghall-habta tas-saghtejn u nofs ta' wara nofsinhar l-imputat presenti fl-awla kien irrilaxxja stqarrija, liema stqarrija tinsab esebita f'dawn l-atti a fol 7 tal-process fejn fuqha gharfet il-firma taghha kif ukoll dik ta' l-Ispettur fuq kull faccata taghha. Qalet li l-imputat kien ghazel li ma jiffirmax din l-istqarrija, liema stqarrija tikkonsisti f'erbgha faccati.

Illi nhar s-sbatax t'Awissu 2006 **xehdet Doctor Eileen Borg** [fol 73] fejn qalet li hija kienet ezaminat lil Lee Ross nhar l-erbgha (4) ta' Lulju 2006 fl-isptar Boffa fejn irrizultalha li dan Lee Ross kien qed isofri minn ferita f'widnejh tant li kellu l-parti ta' isfel ta' widnejh imqaccta. Ziedet tghid li kellu punti li kienu ghadhom daqxejn homor liema marka tibqa sfregju fil-wicc. Ix-xhud esebiet kopja tar-rapport taghha li giet mmarkata bhala Dok. EB.

Illi nhar s-sbatax t'Awissu 2006 **xehed Edward Cachia** [fol 76] fejn qal li jiftakar li l-pulizija kienet baghtet ghalih u kellmitu dwar incident li kien sehh fil-hamsa w ghoxrin ta' Dicembru, jum il-Milied tas-sena 2005. Spjega li hu kien *party* ma shabu gewwa l-istabbiliment maghruf bhala "Grigio's" sitwat fi Triq Spinola San Giljan u whud minn shabu kienu Nicky Genovese w Edward Dingli. Mistoqsi jekk l-imputat kienx presenti, x-xhud wiegeb li jahseb li kien hemmhekk. Qal li f'hin minnhom qamet glieda pero hu kien in-naha l-ohra tal-*wine bar* fejn effettivament kien hemm il-glieda. Mistoqsi jekk kienx hemm xi hadd ferut f'din il-glieda ix-xhud wiegeb fl-affermattiv u zied jghid li

kien hemm xi hadd ferut f'widnejh aktarx dik ta' fuq in-naha tax-xellug. Qal li shabu bdew jghidu li kien CJ li kien fera lil dan il-persuna pero hu dan, ma rahx isehh.

Illi nhar s-sbatax t'Awissu 2006 **xehed Alan Muscat** [fol 78] fejn qal li jiftakar li l-pulizija kienet baghtet ghalih u kellmitu dwar incident li kien sehh fil-hamsa w ghoxrin ta' Dicembru 2005. Qal li dakinhar fil-hin li nqala l-incident hu ma kienx ghadu fil-bar maghruf bhala "Grigio", anzi zied jghid li dakinhar ma kienx mar hemmhekk xejn. Kompla jghid li hu habib ta' Lee Ross u kien ra l-feriti li kellu wara l-incident.

Illi nhar s-sbatax t'Awissu 2006 **xehed Rowen Demicoli** [fol 80] fejn, mistoqsi jispjega l-incident li sehh gewwa l-istabbiliment "Grigio" jum il-Milied 2005, wiegeb li ma kienx kapaci jaghmel dan peress li hu ma kienx hemmhekk dakinhar. Fftakar li kien cempel lil certu Daniel Gatt u qallu li kien sehh incident il-"Grigio's".

Illi nhar l-hdax ta' Settembru 2006 **xehed Ian Diacono** [fol 83] fejn ikkonferma li fil-hamsa w ghxorin ta' Dicembru 2005 hu kien *party* gewwa Paceville fl-istabbiliment maghruf bl-isem ta' "Grigio's". Qal li waqt li kien hemmhekk, inqalghet glieda bejn l-imputat li gharaf prezenti fl-awla bhala Charles Joseph Deguara u certu Lee Ross. Mistoqsi fuq x'hiex inqalghet din il-glieda ix-xhud wiegeb li ma kienx jaf. Mistoqsi jekk hux huma t-tnejn biss kienu qed jiggieldu ix-xhud wiegeb fin-negattiv u zied jghid li kien hemm nies ohra. Qal li jaf li Lee Ross spicca ferut f'dan l-incident ghaliex xi hadd kien gidimlu widnejh. Mistoqsi min gidimlu widnejh ix-xhud wiegeb li ma kienx jaf min.

Illi nhar s-sittax ta' Ottubru 2006 **xehed Anthony Schultz** [fol 87] fejn ftakar li fil-Milied 2005 hu kien fl-istabbiliment maghruf bhala "Grigio". Mistoqsi jekk jafx l-imputat odjern wiegeb li ma jafux. Spjega li dakinhar tal-hamsa w ghoxrin ta' Dicembru 2005 hu kien ra lill-imputat f'dan l-istabbiliment, kien hemmhekk bhal kulhadd, jizfen u jiehu gost man-nies l-ohrajn. Qal li waqt li kulhadd kien qed jidhaq, f'mument minnhom kulhadd inghaqad ghoqda u ra

lil siehbu Lee Ross b'widnejh taqalu ma l-art. Zied jghid li pero kif gara l-accident ma kienx jaf u li setgha kien il-kaz li kellu xi jghid. Qal li kien hemm xi nies u qalu li gidmuhielu pero min gidimha hu ma kienx jaf peress li l-incident per se ma rahx isir.

Illi nhar s-sitta ta' Dicembru 2006 **xehed Nicholas Genovese** [fol 91] fejn mistoqsi x'kien gara lejliet il-Milied 2005 waqt li hu kien fl-istabbiliment maghruf bhala "Grigio's" fi Triq Spinola San Giljan wiegeb li dakinhar hu kien xoghol, kien *open bar* u fl-ahhar tal-lejl inqala xi paniku. Spjega li hu kien wara l-*bar* u ra l-*bouncers* jigru min naha ghal ohra biex iwaqqfu l-glied li kien hemm u dawn l-*bouncers* firdu lil kulhadd. Qal li jaf li certu Lee Ross kellu d-demm niezel ma widnejh. Mistoqsi jekk hu rax lill-imputat fl-istabbiliment ix-xhud wiegeb li ma rahx dakinhar. Mistoqsi min kienu l-*bouncers* dakinhar wiegeb li ma kienx jiftakar.

Mistoqsi mill-Qorti kif ma kienx jaf meta jahdem hemm, x-xhud wiegeb li l-*bouncers* jinbidlu kull darba w ghalhekk ma kienx f'posizzjoni jghid min kienu. Mistoqsi jekk dakinhar kienx ghamel kuntatt mieghu l-imputat, ix-xhud wiegeb fin-negattiv u dan ghaliex lanqas kien jaf min hu dakinhar. Mistoqsi jekk ghamilx kuntatt mieghu Lee Ross ix-xhud wiegeb li lanqas dan ma ghamel kuntatt mieghu.

Illi nhar t-tlieta w ghoxrin ta' April 2007 **xehed l-imputat minn jeddu b'mod voluntarju** [fol 99] fejn qal li fil-gurnata tal-Milied 2005 hu kien qieghed fl-istabbiliment "Grigio's" u kien hemm *open bar party* u hu kien mar hemmhekk ma xi zewgt ihbieb tieghu. Spjega li fil-fatt kien ha ftit *drinks*, fosthom xi Jack Daniel's li normalment jixrob. Mistoqsi f'liema posizzjoni kien, qal li dakinhar kien *happy*. Qal li hu persuna *outgoing* hafna u kien qed jiddeverti u jizfen u f'hin minnhom pogga fuq sufan sabiex jistrieh u jserrah ftit saqajh u xi hadd staqsih biex iqum daqsxejn bl-herra u hu dar u peress li kien hemm sufan shih vojt quddiemu, staqsieh ghaliex ma ridx ipoggi hemm u dan irrispondih "*ghax jiena kont bil-qeghda hdejn it-tfajla*" w ghalhekk haseb li setghet din il-kwistjoni kellha

x'taqsam ma dan. Qal li hu ma kienx maghha. Kompla jghid li lil habiba ta' din t-tfajla kien jaf, u mhux lilu.

Zied jghid li mbghad rega' talbu darb'ohra bl-herra u tefa' idu fuq spallejh biex hu iqum u hu (ix-xhud) staqsieh biex inehhieha u minflok dan qabdu *go headlock*. Zied jghid li ghalhekk hu rreagixxa biex jipprova jehles minn dan il-*lock* u x'hin dar nduna li ma kienx wiehed wahdu li kien qed izommu, izda li kienu klikka shiha u shabu kienu telqu u hu (ix-xhud) kien wahdu, bezgha x'hin ra disgha min nies quddiemu u telaq jigri 'l barra dak il-hin. Qal li setgha kien il-kaz li hu u hiereg imbutta lil xi hadd sabiex jghaddi pero ma kellu l-ebda ntenzjoni li wegga' lil xi hadd. Qal li lil Lee Ross qatt ma rah lanqas dak il-lejl.

Qal li hu lanqas jiftakar lil Lee Ross hemmhekk u wisq inqas ma kien hu li qabdu minn ghonqu. Qal li hu ma gidem lil hadd ghalkemm jista jkun li mbutta xi nies hu u hiereg 'l barra. Qal li wara dan l-incident hu kien harab minn fuq il-post u spicca jistahba go *construction site*. Qal li dan kien grupp kbir u hu bezgha minnhom u baqa mistohbi wara ghaliex kien ircieva telefonata li din il-persuna sejra ghalih. Fftakar li lejl minnhom kienet marret persuna li hu ma jafx x'jisimha u qaltlu li jekk hu kellu jiskuza ruhu jirrangaw il-kwistjoni ta' bejniethom. Qal li hu, bhala isem kien qed jiskuza ruhu ma Lee Ross pero bhala bniedem zgur li ma kienx hu.

Zied jghid li meta rah l-Qorti ndunat li ma kienx l-istess persuna. Qal li dak iz-zmien missieru kien diehel u hiereg l-isptar b'attakki tal-qalb u ma xtaqtx jinkwetah u ghalhekk hu ried jiskuza ruhu, biex jehles. Zied jghid li dak iz-zmien ta' l-incident ma kienx jaf li dawn in-nies kienu jiffurmaw parti mill-grupp tal-*basketball*, sar jaf wara. Mistoqsi jekk jiftakarx hu u hiereg mill-"Grigio's" kienx hemm nies jghajjtu li "*CJ CJ wegghu*", ix-xhud wiegeb li kull ma jiftakar huwa li hareg jigri mill-post.

Mistoqsi jekk kienx hemm xi hadd li gharfu, x-xhud wiegeb li jista jkun li ghajjatlu biex ikun jaf x'inhu ghaddej.

Mistoqsi mill-pulizija jekk peress li kien daqshekk bezghan, ghalfejn ma marx jaghmel rapport lill-pulizija, x-xhud wiegeb li dak il-hin kull ma gih f'mohhu hu li jmur id-dar jorqod.

Mistoqsi jekk jiftakarx li l-persuna li kkuntattjah kienx Alan Muscat, x-xhud wiegeb li effettivament, jista jkun li kienet dik il-persuna.

Mistoqsi jispjega kif effettivament hu tkellem ma Lee Ross fuq it-telefon wara li kien ghaddiehulu Alan Muscat u sussegwentement anke baghatlu xi messaggi biex jiskuza ruhu u tah d-dettalji tieghu, x-xhud wiegeb li hu baghat dan il-messagg sabiex jikkalma l-affarijiet u r-raguni li hu baghat dan il-messagg ghaliex kien jaf li mbutta xi nies hu u hiereg.

Rega kkonferma li Lee Ross bhala isem kien ssemma u hu kien immagina li setgha wegga' lil dan Lee Ross kien korrett meta kien hiereg, imma meta rah il-Qorti, zgur ma kienx hu.

Mistoqsi ghaliex hu kellu jiskuza ruhu meta effettivament qed jghid li dawn l-atti li gew allegati hu ma kienx ghamilhom, x-xhud wiegeb li "*sorry can go a long way*". Qal li fil-verita twasslek anke 'l boghod mill-arroganza u li hu qal '*sorry'* ta' xejn. Qal li f'dan il-bar kien hemm xi tletin jew erbghin ruh u li l-klikka li aggredietu kienu ta' xi disgha min nies. Qal li dawn it-tletin ruh kienu fi spazju zghir.

Ikkunsidrat:

Illi mill-provi prodotti mill-prosekuzzjoni ma jirrizultax li kien hemm xi xhud li attwalment ra lil imputat ihebb ghal allegata vittma u jigdimlu widnejh. Il-prosekuzzjoni ressqet diversi xhieda li kienu presenti dak l-lejl w ilkoll irrakkontaw dak li kienu raw huma u hadd minnhom m'ipponta subajh lejn l-imputat. Il-vittma Lee Ross, li sfortunatament ma xehedx quddiem din il-Qorti kif preseduta, jghid ukoll li ma rax lil min gidimlu widnejh. Fil-fatt jghid li lanqas nduna li xi hadd gidmu, haseb li xi hadd gibidlu l-misluta, jew accidentalment '*bumped into his ear'*.

Mistoqsi jekk kienx jaf lil imputat, il-vittma wiegeb fin-negattiv, izda qal li habib tieghu, certu Alan Muscat, mar ghand l-imputat u wara l-imputat cempel lil Lee Ross biex jiskuza ruhu tal-akkadut. Huwa ma tahx widen u wara ftit ircieva *sms* minghand l-imputat, liema *sms* ma giex michud minnu u liema *sms* kien jghid '*Hi Lee, it is CJ, so you have number and my MSN, I gave you my e-mail address, if you need them. As I said, I am really sorry and can understand hatever you think is necessary. My life has been one hell of a bad trip lately with my father on the verge of dying and facing bankruptcy, the alcohol just amplified it all and I am sorry. You just happened to be there. Anything I can do, just tell me*."

Illi ghalhekk il-prosekuzzjoni qed tistrieh fuq din il-prova, li hija ammissjoni da parti tal-imputat, kif del resto giet konfermata minnu fl-istess stqarrija li hu rrilaxxja.

Illi l-materja ta' *confessional statement*, fis-sistema legali Maltija, hija regolata bl-artikoli tal-Kodici Kriminali li jghid testwalment hekk:

*"Kull haga li imputat jew akkuzat jistq2arr, sew bil-miktub, kemm ukoll bil-fomm, tista tittiehed bi prova kontra min ikun stqarriha, kemm il-darba jahseb li din il-konfessjoni giet maghmula minnu voluntarjament u ma gietx imgieghla jew mehuda b'theddid jew b'biza jew b'weghdiet jew bi twebbil ta' vantaggi."*

Huwa opportun li jinghad li r-rilaxx ta' stqarrija da parti ta' min ikun qed jigi nterrogat mill-pulizija huwa fakultattiv, f-sens li dan m'ghandu ebda obbligu li jirrilaxxja stqarrija jew jirrispondi ghal domandi postu lilu mill-pulizija. Minn dan jirrizulta l-principju fondamentali fil-materja ta' stqarrija li din trid tkun volontarja sabiex ikollha valur probatorju.

Illi ma hemmx dubbju li l-ammissjoni tal-imputat via t-*text message*, kif konfermata minnu fl-istqarrija saret b'mod spontanju w aktar tard, viva voce l-Qorti saret b'mod voluntarju.

Illi ghalhekk u dan kif dejjem gie ritenut, l-oneru tal-prova li tali stqarrija saret voluntarjament, jaqa dejjem fuq il-prosekuzzjoni, bhal kull prova ohra. Il-prosekuzzjoni ghandha taghti *prima facie evidence* tal-esiztenza ta' dan r-rekwizit, li malli jirrizulta sodisfatt, allura l-oneru tal-prova kuntrarja jigi spustjat ghal fuq l-imputat jew akkuzat li jkun qed jallega li l-istqarrija tieghu kienet ittiehedet b'wiehed mill-metodi kontemplati fil-pre-citati artikolu 658 tal-Kodici Kriminali. Wara kollox, dan ma hu xejn hlief l-applikazzjoni tal-principju fondamentali fis-sistema legali, li min qed jallega fatt, irid jippruvah, izda ma jfissirx, ossia m'ghandux jigi intiz b'mod li f'xi mument l-oneru li jigi ppruvat r-reat w in-nexus bejn r-reat u l-akkuzat, jigi spustjat ghal fuq l-akkuzat, dan dejjem jibqa fuq il-prosekuzzjoni tul il-process kollu. Izda jekk l-akkuzat, bi sforz, sabiex jiddebolixxi l-prova tal-prosekuzzjoni, jallega certi fatti, anke taht gurament, allura hu jkun xehet fuqu l-oneru tal-prova ta' dawk il-fatti.

Illi din il-Qorti ghamlet ricerka zghira fil-gurisprudenza lokali taghna sabiex tara jekk Qorti tistax tiskarta stqarrija t'akkuzat, meta mhux qed jallega li din ittiehdet b'mod illegali izda sussegwentement ghaliex dak li qal ma kienx minnu.

L-awturi **Cross and Williams** fil-ktieb taghhom '***An Outline of the law of Evidence***' [Edition 1964] jghidu hekk:

*"A confession of guilt in a criminal case is only admissible if it was not made in consequence of a threat, or inducement of a temporal nature relating to the prosecution, made or held out by a person in authority over the prosecution. This is often sumed up by saying that a confession must be 'volontary'. If it is not volontary within the above definition, then it is altogether inadmissible."*

Dan ifisser li biex tkun voluntarja, stqarrija ma tridx tkun giet rilaxxjata mill-imputat/akkuzat minhabba biza li jista jsofri xi pregudizzju, jew bit-tama li jikseb xi vantagg, jew

minhabba xi forma t'oppressjoni, bhala rizultat t' intervent minn persuna t'awtorita.

L-awtur klassiku Ingliz, **Archbold**, fil-ktieb tieghu '***Criminal Pleading, Evidence & Practice'*** [36th Edition] fuq s-suggett in materja, jghid hekk:

*"In order to be admissible, a confession must be free and volontary, and unless it be shown affermattively on the part of the prosecution, that it was made without the prisoner being induced to make it by any promise of favour, or by menaces, or induced terror, it shall not be received in evidence against him."*

Illi l-element essenzjali sabiex jigi deciz jekk stqarrija kienetx voluntarja jew le, huwa dak hekk imsejjah '*inducement*'. Ir-raguni tradizzjonali 'l ghaliex stqarrija mehuda b'rizultat ta'dan l-*inducement* tkun wahda inammissibbli li xejn ma hu probabbli li stqarrija rilaxxjata b'rizultat ta' dan r-rekwizit ikolllha xi verita fiha, w in oltre, r-raguni l-ohra hi b'hekk jigu kalkolati metodi llegali w abbuzivi tal-pulizija waqt il-kors tal-inkjesta.

Issa, f'dan il-kaz, l-imputat ma jallega xejn min dan. Jghid li qal dak li qal u cioe li ammetta li kkaguna feriti ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Lee Ross, meta ma kienx minnu, sabiex ma jinkwetax lil missieru li kien ma jiflahx.

Din il-Qorti ma temmnux u dan ghaliex sa dak l-hin meta tkellem ma Alan, il-pulizija ma kienetx involuta u hu kien ghadu mhux suspettat, w ghalhekk, xejn ma kien qed isir fis-sahna tal-mument w ghalhekk kellu kull opportunita jichad il-partecipazzjoni tieghu, izda ta' ragel li hu, accetta r-responsabbilita t'ghemilu.

Jekk l-imputat ma riedtx juri lil missieru, kellu kull opportunita. Fil-fatt huwa, bl-ammissjoni tieghu stess li missier l-imputat setgha sar jaf b'din il-kawza ghaliex fin-nuqqas ta' tali ammissjoni, ma kienux ser jittiehdu proceduri fil-konfront tieghu w ghalhekk l-investigazzjoni fil-konfront tal-imputat, kienet tmut mewta naturali.

Illi ghalhekk, il-Qorti hija tal-fehma li dak li qal l-imputat a tempo vergine, u cioe li kien hu li gidem lil vittma Lee Ross, pero li ddispjacih huwa veritier, u m'intqalx sabiex jikkalma s-sitwazzjoni familjari li kellu d-dar w ghalhekk, ghandu jinstab hati tar-reati kif addebitati fil-konfront tieghu.

Il-Qorti rat wkoll li l-imputat ghandu fedina penali netta, bla ebda tebgha ta' reat jew kontravenzjoni registrata fuqha w ghalhekk ghandu jitqies bhala *a first time offender*, kkunsidrat il-fatt li l-prosekuzzjoni rrnexxielha ssolvi dan il-kaz w taghlaq il-kaz bl-ammissjoni tal-imputat stess u l-koperazzjoni tieghu tul l-investigazzjoni mal-pulizija. Fil-fatt li l-imputat iddispjacih ta'dak li ghamel u anke skuza ruhu mmedjatament l-ghada filghodu tal-incident.

Illi ghalhekk, fid-dawl ta' dawn il-provi **l-Qorti** wara li rat l-artikoli tal-ligi partikolarment l-artikolu 214, 216 u 339(d) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, **tiddikjara li ssib lil imputat CHARLES JOSEPH DEGUARA hati tal-akkuzi kif dedotti fil-konfront tieghu u tiddeciedi, bl-applikazzjoni tal-artikolu 7(1) tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta, li tpoggih taht ordni ta' probation ghaz-zmien massimu permess mill-ligi ta' tlett [3] snin mil-lum taht is-segwenti kundizzjonijiet:**

**1. li l-imputat Charles Joseph Deguara ghandu, matul dan il-perjodu ta' probation ta' tlett [3] snin, igib ruhu tajjeb, jghaddi hajja ta' bzulija u joqghod ghad-direttivi kollha tal-Probation Officer, inkluz kull direttivi li l-Probation Officer jhoss li jkunu necessarji sabiex ma jiffrekwentax certu postijiet u/jew certi nies;**

**2. li l-imputat Charles Joseph Deguara jibqa jzomm kuntatt kontinwu mal-istess Probation Officer skond d-direttivi li dan jaghtih minn zmien ghal zmien u partikolarment huwa kellu, jekk l-Probation Officer jkun irid hekk, jircievi zjarat tieghu fid-dar tieghu;**

**3. li l-imputat Charles Joseph Deguara minnufih jgharraf lil Probation Officer b'kull tibdil ta' residenza u/jew xoghol tieghu;**

**4. li l-imputat Charles Joseph Deguara jidher quddiem il-Qorti flimkien mal-istess Probation Officer kull erbgha xhur fid-data w il-hin li jigu komunikati lilu mill-istess Probation Officer bl-iskop li l-Qorti jkollha rapport dwar l-andament u l-imgieba tal-istess imputat.**

**Il-Qorti spjiegat lil hati fi kliem car, kemm r-responsabilita tieghu u x'jigri jekk hu jikkommetti reat li ghalih ikun hemm piena ta' prigunerija matul l-perjodu ta' tlett [3] snin.**

**Il-Qorti tordna ai termini tal-artikolu 7(8) tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta li kopja ta' din s-sentenza tigi notifikata lid-Direttur tal-Ufficju tal-Probation sabiex jigi nominat il-kandidat idoneju ghal dan l-ghan.**

**Consuelo Scerri Herrera LL D**
**Magistrat**

**Qorti tal-Magistrati (Malta)**
**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat**
**Dottor Consuelo Scerri Herrera LL D**

**Il-Pulizija**
**Spettur Mario Tonna**
**V**

**CHARLES JOSEPH DEGUARA**

**ORDNI TA' PROBATION**
**[Artikolu 7(1) tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta’ Malta]**

**Seduta ta' llum, 22 t’ Awissu 2007**
Billi b'sentenza moghtija llum fil-kawza fl-ismijiet fuq premessi l-imsemmi **CHARLES JOSEPH DEGUARA gie mpoggi taht Ordni ta’ Probation ai termini tal-artikolu 7(1) tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta ghal perjodu ta’ tlett [3] snin mill-lum.**

Wara li kkunsidrat li jkun xieraq li jsir dan l-Ordni ta’ Probation;

Wara li fissret bi kliem car l-effetti ta’ dan l-Ordni ta’ probation lil imputat, inkluz l-htigijiet mizjuda skond s-sub artikolu 7(1) tal-Kap 446 w innutat li l-istess imputat wera li jrid jhares l-htigijiet ta’ din l-istess Ordni;

**Tordna li** l-imsemmi **CHARLES JOSEPH DEGUARA** ta' tnejn w ghoxrin sena bin Joseph u Carmen nee Bezzina, imwieled Florida, l-Amerika nhar t-tnejn w ghoxrin ta’ Dicembru 1983 u residenti ‘Villa Oleander’, Triq Geronimo Abos, Iklin, detentur tal-karta tal-identita numru 459498M **jitqieghed taht ordni ta’ probation ghal perjodu ta' tlett [3] snin mill-lum taht dawn il-htigijiet:**

1. Illi matul dan il-perjodu ta’ tlett snin imputat **Charles Joseph Deguara** ghandu jgib ruhu tajjeb, jghaddi hajja ta' bzulija u joqghod ghad-direttivi kollha tal-Probation Officer, inkluz kull direttivi li l-

Probation Officer jhoss li jkunu necessarji sabiex ma jiffrekwentax certu postijiet u/jew certi nies;

2. Illi l-imputat **Charles Joseph Deguara** ghandu jibqa jzomm kuntatt kontinwu mal-istess Probation Officer skond d-direttivi li dan jaghtih minn zmien ghal zmien u partikolarment huwa ghandu, jekk l-Probation Officer jkun irid hekk, jircievi zjarat tieghu fid-dar tieghu;

3. Illi l-imputat **Charles Joseph Deguara** ghandu minnufih jgharraf lil Probation Officer b'kull tibdil ta' residenza u/jew xoghol tieghu;

4. Illi l-imputat **Charles Joseph Deguara** ghandu jidher quddiem il-Qorti flimkien mal-istess Probation Officer kull erbgha xhur fid-data w il-hin li jigu komunikati lilu mill-istess Probation Officer bl-iskop li l-Qorti jkollha rapport dwar l-andament u l-imgieba tal-istess imputat probation.

**Tordna li kopja ta' din l-Ordni tinghata lil hati u lid-Direttur inkarigat mill-Ufficju tal-Probation Services ai termini tal-artikolu 7(8) tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta.**

……………………………..
**CHARLES JOSEPH DEGUARA**

**Consuelo Scerri Herrera LL D**
**Magistrat**

**Consuelo Scerri Herrera LL. D.**
**Magistrat**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------